MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Numru. 140/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp.  Kevin J. Farrugia)**
**(Sp. Louise Calleja)**

**v**

**Alexander Micallef ta’ 34 sena bin il-mejjet John u Mercedes nee Bonnici, imwieled Pieta fid-9 ta’ Awissu, 1969  u residenti Flat 4, Triq Patri Gwann Azzopardi, Binhja Binarju, Entratura K, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita’ numru 325769 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Alexander Micallef li gie akkuzat talli fit-22 ta' Frar, 2004 gewwa H'Attard u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) seraq lil Rebecca Sammut minuri ta' tliet snin mill-fond Edelweiss, Triq is-Sienja, Attard billi skala minn tieqa ta' wara;
(b) bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Rebecca Sammut inzammet arrestata, mizmuma jew issekwestrata;
(c) minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Carmela Ferrito ID 455538 (M) anzjana ta' aktar minn 60 sena, kif iccertifikata minn Dr J. Puzno tad-Dipartiment ta' ENT, ta' l-isptar San Luqa u liema feriti jistghu igibu periklu ta' mankament jew sfegju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;
(d) ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Graziella Ferrito ID no. 99171 (M) skond ma ccetifika Dr Michael Spiteri MD Reg 2666 ta' l-Isptar San Luqa
(e) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta' ta' haddiehor

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi lilu addebitati.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jimxu b'mod sommarju.

Rat li f'dan ir-rigward l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal dan.

Semghet il-provi kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza tittratta dwar tarbija wild ta' realazzjoni bejn Grazziella Ferrito u l-akkuzat. Irrizulta illi din l-istess tarbija ghalkemm skond Grazziella Ferrito hija wild naturali ta' l-akkuzat , illi pero' legalment hija registrata fuq zewg ommha, vide certifikat tat-twelid tal-minuri Rebecca, Dok A a folio 67. Illi jirrizulta wkoll illi kien hemm xi tip ta' arrangament dwar access ghall-minuri Rebecca bejn l-akkuzat u ommha Graziella. Kien minhabba wiehed minn dawn l-accessi miftehma u negati li nqala' l-incident in dizamina. Fil-fatt jirrizulta illi l-akkuzat kellu jiehu lill-minuri xi festa tal-karnival pero' meta cempel ghaliha, l-omm qaltlu li kellha s-soghla u kien ahjar jekk ma tohrogx. Hu ma qabilx u mar xorta ghaliha, hawn beda l-inkwiet. Fil-fatt jirrizutla illi huwa mar fir-residenza tal-genituri ta' Graziella u beda jhabbat u jaghti mal-bieb ta' barra li pero' baqa' ma nfetahx. L-akkuzat allura skala hajt tad-dar tal-familja Ferrito u dahal minn go tieqa miftuha biex b'hekk acceda ghal gewwa tad-dar billi spicca fl-ewwel sular. Nizel isfel u hawn oltre ghal invazjoni go dar haddiehor, huwa anke aggredixxa lil Graziella u ommha Carmela. L-akkuzat fl-istqarrija tieghu jattribwixxi dan ghal fatt li kienet Carmela omm li attakkatu fizikament l-ewwel u hu konsegwenza ta' hekk imbuttaha. Min-naha l-ohra Grazziella u ommha Carmela jaqblu li kien l-akkuzat li kif nizel it-tarag ta' <u>darhom</u> (enfazi tal-Qorti) beda jattakka lil Graziella (li anke sofriet griehi hfief kif jidher mic-certifikat esebit. U l-omm, anke kif ammettiet hi stess biex tiddiffendi lil bintha gibdet xaghar l-akkuzat (a fol 103). Tiddeskrivi Carmela li l-akkuzat beda jaghti lil bintha, anke mbuttaha fuq l-ghamara. Konsegwenza tal-fatt li hi gibditlu xaghru, ta bis-sieq ta' anke fil-kost t'ghonqha.

Darba li spicca dan l-attakk, l-akkuzat, ha lill-minuri mieghu f'karozza misjuqa minn terz habib tieghu. Kien hawn li ntervenew il-pulizija, ovvjament ghax il-familja Ferrito talbet l-ghajnuna biex tirkupra l-minorenni.

Mix-xhieda ta’ l-Ispettur Louise Calleja jirrizulta ben car illi l-akkuzat assolutament ma riedx jifhem il-hazin ta’ ghemilu. Kien anke bl-intervent tal-pulizija li l-minuri regghet giet ritornata lil ommha.

Ma tistax ukoll din il-Qorti ma tikkummentax dwar il-griehi sostenuti minn Carmela Ferrito mara ta’ eta tenera ta’ sitta u sittin sena. Dawn il-griehi huma ben evidenti fir-ritratti mmarkati 24 BC1-4 a fol 214. Fil-fatt il-griehi sofferti minn Carmelo Ferrito gew klassifikati minn certu Dr Putzno (li raha skond Dr Frank Bartolo) gewwa l-emergenza tal-ENT, bhala slight save complications. Pero’ mix-xhieda ta’ l-istess Carmela Ferrito hemm indikazzjoni serja li hi bid-daqqa li hadet spiccat b’“deviated septum“ tant li tghid li wara d-daqqa ghandha ’nostril’ maghluqa. Din ix-xhieda ta’ dak li thoss l-istess Carmela Ferrito ssib konfort f’dak li kkonstata Mr John Pace Balzan fic-certifikat minnu rilaxxat u esebit a fol 140 bhala Dok LC. Fi kwalunkwe kaz certament u de minimis, jekk hemm xi kontestazzjoni ghall-fatt li hadd mit-tobba ma ngab jixhed, ghalkemm mhux necessarju dan biex jigu pruvati n-natura tal-griehi, zgur li l-griehi sofferti minn Carmela Ferrito, mara ta’ 66 sena dak iz-zmien, kienu tali li gabu sfregju (anke jekk temporanju) fil-wicc ai termini ta’ l-artikolu 216 tal-Kap 9.

Daqstant iehor jirrizulta l-griehi ta’ natura hafifa sofferti minn Grazziella Ferrito ai termini ta’ l-artikolu 221 tal-kapitlu 9.

Irrizulta wkoll illi Rebecca Ferrito qatt ma kienet fil-kura u l-kustodja ta’ l-akkuzat, ghalhekk l-akkuzat la kellu u salv ghal dikjarazzjoni gudizzjarja f’dan ir-rigward m’ghandu ebda dritt fuq il-minorenni. Certament il-kustodja tal-minorenni kienet vestita zgur f’ommha Graziella (barra d-drittijiet legali ta’ zewgha ) u ghalhekk l-akkuzat ma kellu ebda jedd jew dritt li jiehu l-minuri jew jissekwestraha bla permess ta’ l-omm, certament ghalhekk hawn jirrizulta r-reat.

Jirrizultaw anke pruvati z-zewg reati kontravenzjonali addebitati in kwantu ghall-ksur tal-bon ordni u paci

pubblika, hemm ix-xhieda ta' Attard Anthony, gar tal-familja Ferrito, li mar jaghti l-ghajnuna ghax sema' l-istorbju li kien qed jaghmel barra l-akkuzat. Certament id-dhul tal-akkuzat, mhux mistieden go dar haddiehor hija vjolazzjoni cara ta' propjetajiet haddiehor.

Rat ghalhekk l-artikoli 86, 214, 215, 216, 221, 338 u 340 tal-Kapiltu 9 li taghhom qed issibu hati. Taqbel ma' dak elenkat fin-nota ta' l-abbli avukat difensur dwar l-inapplikabilita' ta' l-artikolu 199 u 200 tal-Kapitlu 9 u tilliberah mill-istess.

Dwar il-piena, ikkonsidrat il-fatt li verament Alexander Micallef jista' jkun il-missier naturali tal-minuri pero' tali fatt qatt (enfazi tal-Qorti) ma jista' jtih xi jedd jew dritt li jidhol go dar haddiehor, jissekwestra l-minuri, oltre dan isawwat anke l-abitanti ta' l-istess dar b'aggravju ta' l-eta' tas-sinjura Carmela Ferrito, rat ukoll ghalhekk l-artikolu 222A u 31 tal-Kapitlu 9, ghaldaqstant qeghda tikundanna lil Alexander Micallef ghal piena karcerarja ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------